MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 319/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Gatt)
Vs
Ignatius J. Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fl-1 ta' Gunju, 2003, ghall-habta tal-5.00 p.m., gewwa l-Gzira kkommetta serq ta' vettura Peugeot li ghandha numru tar-registrazzjoni DAA602 ghad-detriment ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. fis-26 ta' Gunju, 2003, u gimghat qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ghad-detriment ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro w dan bi ksur tal-artikoli 334 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fis-26 ta' Gunju, 2003 u gimghat qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura Peugeot DAA 602 u kull ma kien fiha, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro, liema ammont ta' hsara huwa izjed minn hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fis-26 ta' Gunju, 2003 u gimghat qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhhu recediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Dr. C. Peralta LL.D) fid-9 ta' Lulju, 2001 u 21 ta' Marzu, 2001 u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fis-26 ta' Gunju, 2003 u gimghat qabel din id-data kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-5 t'April, 2002 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280, 281, 334, 18, 325(a), 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap. 9, u l-Artikoli 7, 11 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni tal-akkuza ta' serq mill-liema akkuza lliberatu, w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar effettivi ghall-akkuzi li taghhom sabitu hati.

Ikkundannatu wkoll ihallas is-somma ta' mitejn tnejn u sittin lira Maltin u sitta w disghin centezmu (LM262.96) bhala spejjez involuti fil-hatra tal-esperti nominati w li jridu jithallsu fi zmien sitt (6) xhur u, fin-nuqqas, din is-somma tigi konveritita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri Maltin dovuta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn din ma sabitux hati tal-ewwel akkuza cioe' dik ta' serq tirrevokha w thassar u tikkancellha fejn instab hati tal-akkuzi l-ohra w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni in linea preliminari eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex ma intalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata preordinatament ghat-talbiet kontenuti fl-ahhar paragrafu tar-rikors tal-appell u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi ad validitatem l-artikolu 419 (1) ( c ) tal-Kodici Kriminali .

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt ;

Ikkonsidrat ;

Illi minn ezami tar-rikors ta' l-appell , minkejja li fis-sentenza appellata, l-appellant gie liberat mill-ewwel imputazzjoni w nstab hati tat-tieni, t-tielet imputazzjoni w r-raba' u l-hames addebiti, l-appellant talab biss testwalment hekk :-

*"filwaqt li tikkonferma dik il-pati tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Settembru, 2007 fejn din ma sabitux hati tal-ewwel akkuza cioe' dik ta' serq tirrevoka u thassar u tikkancellha fejn dik il-Qorti sabithu hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija."*

Illi hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata in-nullita' tal-appell - liema nullita' hija **sollevabbli "ex officio**" - ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-

istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri”** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet funditus f’din il-kwistjoni fl-appell kriminali “**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

“minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita’ ta’ appell, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-

(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir **jew** ghat-tibdil tas-sentenza , giet “*very strictly and rigidly interpreted*” - **“The Police vs. John Hill”**, Criminal Appeal, [23.9.1972]

(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE’ LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta’ din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista’ flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa’ l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant . Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. “ (**Pul.vs. Anthony Zammit** , [1.10.60], Vol. XLIV, iv. p.940; **Pul. vs. Richard Vincenti Kind** , App. Krim. [16.9.72]; **Pul. vs. Carmelo Agius** , App. Krim. 14.10.1972).

Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : “**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**”, [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; “**La Polizia vs Carmelo Carabott et**.” [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205;

**Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar** , App.Krim. [23.1.1971]; **Pulizija vs. Carmelo Farrugia et.** App. Krim. [11.11.1976] ; **Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna** , App. Krim.[ 1.9.1977]; **Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et** ,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit** [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 **; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind ,** App. Krim. [16.9.1972] ; **Pulizija vs. Carmelo Agius** App. Krim. [14.10.1972]; **Pulizija vs. Emmanuel Bonnici** , App. Krim. [5.10.1990]; **Pulizija vs. Joseph Desira** [18.3.1972] **; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg** , [18.3.1972]; u **Pulizija vs. John Vella Chritien** App. Krim. [6. 5. 1972] u **Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia** [13.2.2001].

Issa fil-kaz odjern hu ovvju li l-appellant suppost fl-ewwel lok talab ir-riforma jew tibdil jew varjazzjoni tas-sentenza appellata gjaladarba hu kien qed jitlob liberazzjoni mill-imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati w imbaghad jghaddi biex jitlob il-konferma tal-parti fejn gie liberat u r-revoka tal-parti fejn instab hati. Minnflok hu ghadda mall-ewwel biex talab dan tal-ahhar.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan id-difett fl-istezura tar-rikors tal-appell igib in-nullita’ tar-rikors tal-istess appell bhal meta jkollha tintalab ir-riforma w minnflok tintalab ir-revoka ghax il-ligi tesigi li tintalab jew wahda jew l-ohra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------